**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/120/16/S

*Pauline Borg*
*vs.*
*Servgroup Limited (C-28811)*

Illum, 22 ta' Frar, 2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Pauline Borg ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2016 kif ukoll ir-Risposta ta' Aluserv Limited ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2016;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-12 t' Ottubru 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu s-segwenti:

- -Li x-xogħol jitlesta kollu, inkluż il-*frame* bin-*net*;
- -Li jinbidlu l-firrolli tat-tieqa biex ikunu jistgħu jintlaħqu; u
- -Tnaqqis ta' elf Ewro (€1,000) mill-prezz globali bħala kumpens għad-difetti.

Illi fir-Risposta, is-soċjetà konvenuta essenzjalment ċaħdet kull punt imsemmi mir-rikorrent u żiedet li skont l-*istatement* anness, hija kien fadlilha tieħu seba' mija u tlieta u erbgħin Ewro (€743.00) mingħand ir-rikorrenti. Madankollu, huwa osservat li ma ġiet ippreżentata ebda kontro-talba. It-Tribunal innota li fix-xhieda tagħha mogħtija fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016, ir-rikorrenti ammettiet li kien fadlilha tagħti dan l-ammont lis-soċjetà konvenuta;

Illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016, it-Tribunal ħatar perit tekniku (Perit David Xuereb) u ordna li dan jaċċedi fuq il-post, iżomm aċċess u jirrelata fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika lilu tal-verbal relattiv;

Illi l-perit tekniku irrelata li l-ftehim bejn il-partijiet kien dak li jirriżulta mill-*invoice* annessa mar-rapport bħala appendiċi numru 3, liema *invoice* iddeskriviet x'kellu jiġi installat iżda ma tatx dettalji speċifiċi bħal qisien jew metodi ta' installazzjoni u lanqas kellha *sketches* mehmużin magħha. Għalhekk, il-perit tekniku ikkonkluda li kellu jipprovdi opinjoni ibbażata fuq dak li huwa jaf professjonalment u bl-esperjenza tiegħu fuq xogħol, proġetti u installazzjonijiet simili;

Illi għalkemm ingħataw diversi opportunitajiet, il-partijiet kienu iddikjaraw li ma kellhomx mistoqsijiet x'jistaqsu lill-perit tekniku. Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jifhem li essenzjalment, il-partijiet qegħdin joqogħdu fuq ir-rapport relattiv;

Illi f'paġna numru 5 tar-rapport tiegħu, il-perit tekniku spjega li "*It is considered very normal and acceptable to install doors with their lower edge level with the internal floor finish and not the external one. This is done for both timber and aluminium doors*";

Illi fl-istess paġna, il-perit tekniku kompla jispjega li "*I have reviewed a picture forwarded to me (vide Appendix 4) of the condition of the site before the floor was installed and it was explained to me that internal floor finish level was extended to the door jamb to enable such measurement of door height. It therefore seems that the measurement intentions by the Claimee were correct, and it was only on the insistence of the Claimant that the door was consequentially installed on the lower external level resulting in the need for a spacer at lintol level and a visual shortfall on the lower edge of the door. I therefore do not consider this to be the basis for a claim by the Claimant to the Claimee*";

Illi inoltre, il-perit tekniku irrelata li fl-opinjoni tiegħu, l-ilment tar-rikorrenti dwar bdil fil-firrolli seta' jiġi riżolt billi l-firrolli jitqiegħdu f'livell fejn setgħu jintlaħqu;

Illi l-perit tekniku ma qal xejn dwar it-talba tar-rikorrenti rigward it-tlestija tax-xogħol;

Illi essenzjalment, il-punt ċentrali ta' diverġenza bejn il-partijiet jirrigwarda t-twaħħil tal-bieb u l-użu ta' *spacer*. Skont ix-xhieda tal-attriċi, il-bieb inħadem qasir u kien hemm bżonn ta' *spacer* għalkemm bl-i*spacer*, il-bieb ġie estetikament ikrah. Min-

naħa l-oħra, Mark Vassallo (prodott mis-soċjetà konvenuta) xehed li s-soċjetà issuġġeriet *spacer* u l-attriċi aċċettat;

Illi t-Tribunal ma rax li x-xhieda mressqa mir-rikorrenti rigward l-allegati difetti hija biżżejjed biex tissupera l-konklużonijiet tal-perit tekniku u għalhekk, it-Tribunal mhux konvint li kumpens għal difetti huwa meritat;

Illi l-Art. 74 tal-Kap. 378 jistipula li f'każ ta' nuqqas ta' konformità bejn l-oġġetti kif għandhom ikunu u l-oġġetti kif ikkunsinnati, il-konsumatur għandu jagħżel bejn li l-oġġetti jinġiebu konformi billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, jew min-naħa l-oħra li jirċievi tnaqqis addattat fil-prezz jew inkella rexxissjoni versu l-oġġetti relattivi;

Illi f'dan il-każ, ma jidhirx li rexxissjoni versu l-oġġetti relattivi tkun taqbel mat-talbiet rikorrenti *stante* li waħda mit-talbiet hija preċiżament li jitlesta x-xogħol;

Illi mingħajr ħsara għall-jedd tal-konsumatur li jagħżel hu x'rimedju jrid, hija l-fehma tat-Tribunal li l-iktar triq loġika għall-attriċi hija li l-bieb jinġieb konformi billi jissewwa jew jiġi rimpjazzat.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

i. Jilqa' l-ewwel talba tal-attriċi fis-sens li jordna t-tlestija tax-xogħol li fadal li jsir;

ii. Jilqa' t-tieni talba tal-attriċi fis-sens li jordna l-bdil tal-firrolli, b'dan illi l-ispejjeż inkorsi jkunu responsabilità tas-soċjetà konvenuta; u

iii. Jiċħad it-talba tal-attriċi għall-kumpens ta' elf Ewro (€1,000.00).

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż konnessi mal-każ jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru